MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2019

Rikors Maħluf Numru 74/2017 LM

**Paul Azzopardi (K.I. Numru 171194M)**

***vs.***

**Electronic Systems Design Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-24 ta' Jannar, 2017 mill-attur **Paul Azzopardi** (K.I. 171194M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-attur huwa impjegat bħala technician mas-soċjetà konvenuta (Dok. PA1);*
2. *Illi nhar il-ħamsa ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) waqt li l-attur kien qiegħed jinstalla sensors mal-bibien tal-gallariji tal-lukanda Coastline fil-kwalità tiegħu ta' technician mas-soċjetà konvenuta huwa safa involut f'inċident fejn it-trapan li kien qiegħed juża spiċċa daħal fil-pala ta' jdejh;*

3. *Illi l-imsemmi inċident seħħ minħabba ħtija imputabbli esklussivament lill-konvenut peress li, fost affarijiet oħra, ma kienx hemm a safe system of work conduct fuq il-lant tax-xogħol, kien hemm nuqqas ta' attrezzatura adegwata, u ma kienx sar risk assessment għar-rigward tal-metodu li kellu jintuża fuq ix-xogħol li kien ġie mqabbad jagħmel l-istess attur mis-soċjetà konvenuta. Apparti dan, it-tip ta' xogħol li kien ġie mqabbad jagħmel l-attur u ċioe installazzjoni ma għandu x'jaqsam xejn max-xogħol proprju tiegħu ta' technician;*

4. *Illi b'riżultat dirett tal-imsemmi inċident, l-attur sofra debilità permanenti f'idu l-leminija hekk kif iċċertifikat minn Mr. Ray Gatt fl-20 ta' Novembru, 2015 u mill-Konsulenti tad-Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali, li qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. PA2 u Dok. PA3 rispettivament;*

5. *Illi kawża ta' dawn il-ġrieħi ta' natura gravi u permanenti, l-attur sofra danni konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans;*

6. *Illi minkejja li s-soċjetà konvenuta ġiet interpellata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur hija baqgħet inadempjenti;*

7. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-attur jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikajrazzjoni, provvediment u ordni opportuna:-*

1. *Tiddikjara lis-soċjetà konvenuta bħala unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fil-5 ta' Mejju, 2015 u li fih sofra diżabilità permanenti l-attur u konsegwentement tiddikjaraha bħala responsabbli għall-ħlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, inkluż it-telf ta' qliegħ tiegħu;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati mill-attur.*

*Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra s-soċjetà konvenuta, li hija minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Electronic Systems Design Limited** (C20753), (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") u maħlufa minn Michael Bonello (ID 251366M), li biha eċċepiet:

A. Eċċezzjonijiet:

1. *Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent, stante illi l-inċident seħħ fil-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) ma seħħx minħabba nuqqas ta' sistema sikura ta' ħidma fuq il-lant tax-xogħol jew nuqqas ta' attrezzatura adegwata, iżda seħħ unikament minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' attenzjoni da parti tiegħu, u dan kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ ta' dan il-każ. Illi għalhekk is-soċjetà esponenti ma hijiex tenuta li tagħmel tajjeb għal ebda danni li seta' sofra r-rikorrenti riżultat tal-inċident in kwistjoni;*

2. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrent irid jagħmel prova tad-danni allegatament u realment subiti minnu;*

3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

B. Dikjarazzjoni tal-Fatti:

1. *Illi l-attur huwa impjegat mas-soċjetà mittenti bħala technician;*

2. *Illi ma huwiex ikkontestat illi fil-ħamsa (5) ta' Mejju elfejn u ħmistax (2015) l-attur sofra minn inċident waqt illi kien qiegħed għaddej fuq xogħlu;*

3. *Illi l-fatt imsemmi mir-rikorrent fit-tielet paragrafu tar-rikors ġuramentat tiegħu illi x-xogħol li kien qiegħed jitqabbad jagħmel l-attur ma għandu x'jaqsam xejn max-xogħol tiegħu, hija kkontestata fis-sens illi huwa dejjem kien jiġi nkarigat iwettaq xogħol ta' technician, jew xogħol anċillari li n-natura tax-xogħol tesiġi li jsir mill-istess persuna, apparti mill-fatt illi dan kien xogħol li kien imdorri jagħmel ta' sikwit. Illi x-xogħol li kienu assenjawlu l-mittenti huwa xogħol li huwa kien kompetenti u ben esperjenzat sabiex iwettaq, u liema xogħol huwa kien wettaq bosta drabi qabel ma seħħ l-inċident in kwistjoni u anke kompla jagħmel wara tali inċident;*

4. *Illi dwar il-bqija tal-fatti msemmija fil-paragrafu tlieta tar-rikors ġuramentat dawn ukoll huma kkontestati il-għaliex is-soċjetà mittenti pprovdiet lill-attur l-aqwa għodda sabiex iwettaq xogħlu, flimkien mal-aqwa apparat protettiv li jiddetta xogħol ta' dak it-tip u s-soċjetà mittenti dejjem ħadet ħsieb li jkun hemm 'a safe system of work conduct' fuq il-lant tax-xogħol;*

5. *Illi dan l-inċident bl-ebda mod ma seta' jiġi previst jew evitat mis-soċjetà intimata, il-għaliex kien purament l-aġir negliġenti da parti tal-attur li kien il-kawża tal-inċident, u l-ebda tip ta' taħriġ li seta' jingħata lis-Sur Azzopardi ma kien ser jevita l-immaterjalizzar ta' dan l-inċident, stante illi kien in-nuqqas tal-attur li juża l-attenzjoni u d-diliġenza ta' 'bonus paterfamilias' li wasslet għall-inċident de quo. Kien l-attur innifsu li bi ftit attenzjoni seta' jevita li dan l-inċident iseħħ.*

6. *Illi b'referenza għall-fatti msemmija mir-rikorrent fil-paragrafu erbgħa tar-rikors ġuramentat tiegħu, l-attur jinħtieġ illi jġib prova suffiċjenti tad-debilità permanenti li hu qiegħed jiddikjara li sofra;*

7. *Illi b'riferenza għall-fatti msemmija mir-rikorrent fil-paragrafu ħamsa tar-rikors ġuramentat u abbażi tas-suespost, jingħad umilment illi s-soċjetà esponenti ma hijiex tenuta tagħmel tajjeb għal ebda danni li seta' sofra r-rikorrenti b'konsegwenza tal-inċident in kwistjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-atturi.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Diċembru 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

L-attur isitwixxa din il-kawża kontra s-soċjetà konvenuta wara inċident li huwa kellu fuq il-lant tax-xogħol, meta bħala impjegat tas-soċjetà konvenuta kien intbagħat jagħmel installazzjoni ta' għadd ta' *sensors* fil-lukanda Coastline, u safa korrut meta t-trapan li kien qiegħed juża baqa' dieħel fil-pala ta' jdejh. L-attur ilmenta li dan l-inċident seħħ minħabba li min jimpjegah naqas li jipprovdilu sistemi siguri fuq il-post tax-xogħol, u ma pprovdilux attrezzatura adegwata biex jipproteġi lilu nnifsu, kif ukoll għax qallu biex jagħmel xogħol li ma kienx imħarreġ u kkwalifikat biex jagħmel. Konsegwenza tal-imsemmi inċident, l-attur sofra diżabilità permanenti f'idu l-leminija u għalhekk ta bidu għal dawn il-proċeduri fejn qiegħed jitlob il-ħlas tad-danni sofferti minnu. Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha ssostni li m'għandhiex tinżamm responsabbli għal dan l-inċident, u eċċepiet li l-attur kien negliġenti f'xogħlu.

## Provi u riżultanzi

Flimkien mar-rikors promutur imressaq minnu, l-attur ippreżenta kopja tal-kuntratt tax-xogħol li ġie ffirmat minnu u mill-Inġinier Michael Bonello in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta.[1] Esebixxa ukoll kopja ta' ċertifikat mediku rilaxxajt mill-konsulent ortopediku **Mr Ray Gatt**, li wara li invista lill-attur ikkonstata li dan qiegħed isofri minn diżabilità permanenti ta' erbgħa fil-mija (4%)[2], kif ukoll kopja ta' avviż maħruġ mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li permezz tagħha l-attur ġie mgħarraf li kien qiegħed jingħata *gratuity* għall-

---

[1] *A fol.* 4 *et seq.* tal-proċess.
[2] *A fol.* 7 tal-proċess.

inkapaċità ta' €967.45.[3] L-attur **Paul Azzopardi** fl-*affidavit*[4] tiegħu qal li huwa jaħdem bħala *electronics technician* mas-soċjetà konvenuta, u għall-ewwel ftit li beda jaħdem f'dan ir-rwol, huwa kien jagħmel xogħol ta' *commissioning* u ta' tiswija ta' prodotti mibjugħa mill-kumpannija. Eventwalment is-soċjetà konvenuta bdiet tesiġi li *technicians* bħalu jibdew jagħmlu xogħol ta' installazzjoni ta' prodotti mibjugħin minnha. L-attur kompla jgħid li wara li kellu l-inċident, hu u sħabu kienu infurmaw lis-soċjetà konvenuta li ma xtaqux jagħmlu dak ix-xogħol, u fil-fatt dan reġa' beda jsir minn terzi. L-attur żied jgħid li s-soċjetà konvenuta qatt ma pprovdiet taħriġ adegwat dwar kif kellha ssir l-installazzjoni tal-prodotti mibjugħin minnha, u l-unika ħaġa li l-kumpannija kienet tipprovdi kien *wiring diagram.* L-attur qal li sabiex isir dan ix-xogħol wieħed jeħtieġ liċenzja ta' *electrician,* li huwa m'għandux. L-attur kompla jgħid li s-soċjetà konvenuta tbiegħ tagħmir għall-*energy management* tal-lukandi, li jkun jikkonsisti minn *main controller* b'numru ta' *sensors* miegħu. L-attur spjega li l-inċident mertu tal-kawża seħħ waqt li hu kien qiegħed jinstalla numru ta' *sensors* mal-bibien tal-galleriji tal-kmamar fil-lukanda, liema installazzjoni tikkonsisti fil-konnessjoni tal-*wires* mas-*sensor* u t-twaħħil tas-*sensor* mal-*frame* tal-bieb tal-aluminium tal-gallerija bil-viti, u sabiex jitwaħħlu dawn is-*sensors* kien hemm bżonn li jittaqqbu erba' toqbiet sabiex il-viti jkunu jistgħu jintrabtu fihom. L-attur spjega li hu kien qiegħed jaħdem fuq l-ogħla skaluna tas-sellum, meta għal xi raġuni meta poġġa d-*driller* fuq it-*tray* tas-sellum, dan iċċaqlaq u huwa tilef il-bilanċ, bir-riżultat li t-trapan tad-*driller* daħal fil-pala t'idu. L-attur qal li dan l-inċident seħħ minħabba li s-soċjetà konvenuta ma kinitx tipprovdi *a safe system of work conduct* fuq il-lant tax-xogħol, u ma kinitx tipprovdi lanqas attrezzatura

[3] *A fol.* 8 tal-proċess.
[4] *A fol.* 9 u 10 tal-proċess.

adegwata għax-xogħol li kien qiegħed isir mill-impjegati tagħha. L-attur żied jgħid li lanqas ma kien sar *risk assessment* fir-rigward tal-metodu li kellu jintuża fuq ix-xogħol li tqabbad jagħmel. Qal ukoll li wara dan l-inċident, il-prassi tax-xogħol adoperata mis-soċjetà konvenuta nbidlet, u fost miżuri oħra bdiet tipprovdi lill-impjegati tagħha b'*first aid kits* meta jkunu fuq xogħol barra. Kompla jgħid li dakinhar li seħħ l-inċident kellu ħafna demm ma' jdejh u biex iwaqqfu kellu juża *tissue* li dawwar b'biċċa *tape* tad-dawl ma' jdejh. Qal ukoll li nuqqas ieħor kien li anki l-għodda użata ma kinitx tkun iċċertifikata. L-attur esebixxa wkoll għadd ta' *FS3 forms* sabiex jindika xi dħul kellu fis-snin ta' qabel seħħ l-inċident.[5]

Fl-udjenza tat-3 ta' Mejju, 2017 xehed **Mark Scerri**[6], *technician* u *project leader* mas-soċjetà konvenuta, li qal li l-proċess tal-installazzjoni issa qiegħed jiġi *sub-contracted* lil terzi, u wara li ssir din l-installazzjoni, is-sistema tiġi *commissioned* mit-tekniċi tal-kumpannija. Ix-xhud spjega li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, l-installazzjoni tas-sistemi kienet issir mill-impjegati tekniċi tal-kumpannija. Dan ix-xhud ikkonferma li wara l-inċident tal-attur, reġgħet iddaħħlet is-sistema tal-installazzjoni mis-*sub-contractors*. Dan ix-xhud qal ukoll li meta t-tekniċi tal-kumpannija kienu jintalbu jagħmlu l-installazzjoni u l-*wiring,* id-*drawings* ħafna drabi kienu jsiru minnu, u kulħadd kien jimxi magħhom, u l-kumpannija ma kinitx tagħti taħriġ dwar kif kellha ssir l-installazzjoni. Ix-xhud żied jgħid li dakinhar tal-inċident l-attur kien qiegħed jaħdem f'kamra fejn diġà kien hemm l-għamara, u l-post kellu spazju ristrett minħabba li kien hemm il-kċina mal-koxxa tal-gallarija. Spjega wkoll li s-sellum li kien qiegħed jintuża mill-attur kien tip ta' skalapiża, pprovduta lilu mis-

[5] *A fol.* 11 *et seq.* tal-proċess.
[6] *A fol.* 24 *et seq.* tal-proċess.

soċjetà konvenuta, u l-inċident seħħ waqt li l-attur kien qiegħed jagħmel l-installazzjoni tas-*sensors* mal-bibien tal-gallarija. Qal li kulħadd kien qiegħed jaħdem għal rasu, meta f'ħin minnhom ra lill-attur b'idejh kollhom demm, u kif rah hekk huwa qallu biex ilaħlaħ idejh taħt l-ilma fil-kamra tal-banju. Kompla jgħid li wara li seħħ l-inċident, is-soċjetà konvenuta bdiet tissuplixxi lill-ħaddiema tagħha b'*safety boxes, first aid kits* u oġġetti simili sabiex jeħduhom magħhom fuq il-lant tax-xogħol. Qabel l-inċident l-unika ħaġa li kien ikun hemm kienet *first aid box* li kienet titħalla fl-uffiċċju tal-kumpannija f'San Ġwann, li tant kienet ilha ma tintuża li l-affarijiet ta' ġo fiha kienu skaduti. Ix-xhud ikkonferma wkoll li s-soċjetà konvenuta qatt ma tat taħriġ lill-impjegati tagħha fir-rigward tas-sigurtà tagħhom fuq il-post tax-xogħol. Meta weġġa' l-attur, dan żamm id-demm *b'tissue* mdawra *b'tape* tad-dawl. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud ikkonferma li l-għodda bis-*safety features* kienet ilha li ġiet introdotta mis-soċjetà konvenuta qabel seħħ l-inċident. Żied jgħid li minkejja li hu u ħaddiema oħra kienu jilmentaw mad-diriġenti tal-kumpannija li l-*job description* tagħhom ma kinitx tinkludi l-installazzjoni, ir-risposta min-naħa tal-kumpannija kienet tkun li kien meħtieġ li t-*technicians* jagħmlu dak ix-xogħol għal ftit żmien sakemm jitqabbdu *sub-contractors* mill-kumpannija.

Fl-udjenza tas-16 ta' Ġunju, 2017 xehed **Christian Musù**[7], li kien jaħdem mas-soċjetà konvenuta bħala *technician*. Dan ix-xhud qal li minkejja li meta ġie ingaġġjat mas-soċjetà konvenuta l-*job description* tiegħu kienet bħala *technician* sabiex isir xogħol ta' issettjar fil-kmamar u sabiex jiġu rranġati sistemi ta' *controllers* u tagħmir simili, madanakollu t-*technicians* kienu

[7] *A fol.* 41 *et seq.* tal-proċess.

mistennija jagħmlu l-installazzjonijiet, li jinkludu titqib, twaħħil u xogħol li jinvolvi ħafna tbatija. Dan ix-xhud qal ukoll li hu ma kellux kuntratt tax-xogħol bħal sħabu, u s-soċjetà konvenuta qatt ma tat taħriġ lill-impjegati tagħha dwar kif għandhom isiru l-installazzjonijiet, u l-unika ħaġa li ngħata kienet *drawing* li ntalab jimxi magħha. Dan ix-xhud iddeskriva l-inċident li fih kien involut l-attur b'dan il-mod:

> "Konna s-Salini, il-Coast Line, kienet qed tinbena u kien proġett vera mgħaġġel. Konna qed inwaħħlu l-*balcony sensors, installation* jiġifieri kien, ġenn, konfużjoni, nies fuq xulxin, jiġifieri tista' timmaġina. F'ħin u ieħor smajt lil Paul jgħajjat bl-uġigħ għax aħna naħdmu *in parallel.* ... inżilt u nara xeba' demm fil-kuritur jiena plus dak il-ġenn tista' timmaġina ..."

Ix-xhud żied jgħid li minn kull fejn għadda l-attur kien hemm id-demm, u dak il-ħin ma kellhomx *first aid kit* u għalhekk użaw *tissue* mdawra b'tape tad-dawl. Dan ix-xhud żied jgħid li s-sellum li kien qiegħed jaħdem fuqu l-attur ma kienx adegwat għal dak ix-xogħol minħabba li kien baxx wisq u għalhekk biex wieħed seta' jaħdem u jlaħħaq mal-għoli tal-kmamar, bilfors kellu jitla' fuq l-aħħar skaluna. Żied jgħid li l-art fejn kien qiegħed isir ix-xogħol kienet *uneven* u dan kollu kompla għamel is-sitwazzjoni aktar perikoluża għall-ħaddiema li riedu jaħdmu f'dawk il-kundizzjonijiet. Ix-xhud żied jgħid li wara li seħħ l-inċident is-soċjetà konvenuta f'daqqa waħda daħħlet diversi miżuri sabiex iħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Qal ukoll li qabel seħħ l-inċident, qatt ma kienu saru *risk assessments* fuq is-siti li jkun qiegħed isir ix-xogħol fuqhom. Ix-xhud spjega li kien Joseph Restall li kien iqabbadhom jagħmlu l-installazzjoni tas-sistemi, u dan minkejja li ħadd mit-*technicians* ma kien ikkwalifikat bħala *electrician*.[8] Qal li meta kienu jsiru ilmenti mal-*management* dwar il-fatt li

---

[8] Fi kliem ix-xhud, "Bħala *installation* jien m'għandix liċenzja tad-dawl. Konna naħdmu fuq id-dawl ukoll, iġifieri u mhux l-ewwel darba mhux fuq dan il-post ukoll ħadt xokk u weġġajt u komplejt naħdem ovvjament għax jekk tkun *retro fit* is-

ħaddiema kienu qegħdin jintalbu jagħmlu xogħol li ma kinux ikkwalifikati għalih, ir-risposta kienet tkun li jekk iddejqu, jistgħu jitilqu.

Fl-udjenza tal-14 ta' Lulju, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Mark Scerri**[9], li qal li hu ma kienx ra l-inċident inkwistjoni jseħħ, għaliex dak il-ħin kien f'kamra oħra, u żied jgħid li fuq il-post kien hemm ukoll numru ta' ħaddiema minn kumpanniji oħra. Żied jgħid li kienu l-impjegati tas-soċjetà konvenuta li kienu jagħżlu s-slielem li kellhom jieħdu magħhom sabiex jeżegwixxu biċċa xogħol partikolari. Dan ix-xhud speċifika li fuq it-tip ta' slielem li kienu qegħdin jintużaw mill-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta dakinhar, kien hemm fejn jitpoġġa *drill.*

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **Christian Musù**[10], li qal li waqt il-ħin tal-inċident hu kien fil-kamra li tiġi *parallel* dik fejn seħħ l-inċident, fuq in-naħa tal-lemin tagħha. Ix-xhud ikkonferma li hu ma rax l-inċident inkwistjoni jseħħ. Ix-xhud qal li l-art fejn kien qiegħed jaħdem l-attur ma kellhiex madum kullimkien minħabba li kien għad iridu jsiru xi trinek. Allega wkoll li fuq dak is-sit ta' kostruzzjoni partikolari ma kienx hemm kumpannija sabiex tħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq is-sit, filwaqt li ċaħad li s-slielem kienu l-għażla tal-impjegati u qal li dawn ma kinux adegwati għax-xogħol li ried isir minħabba li kienu qosra għall-għoli tal-kmamar li kien hemm.

Fl-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2017 xehed **Michael Bonello**[11], direttur u sid tas-soċjetà konvenuta, li qal li qabel ma l-attur ġie ingaġġjat mas-soċjetà konvenuta, dan kien għamel xi żmien jaħdem magħha bħala apprentista waqt

---

sistema jkun hemm nies oħra qed jaħdmu fuqek u ma jagħtux kasek, iġifieri kien hemm *hotels* oħra tgħaffiġ ta' *cables* biex tieħu xokk daqs tazza ilma."

[9] *A fol.* 54 *et seq.* tal-proċess.
[10] *A fol.* 56 *et seq.* tal-proċess.
[11] *A fol.* 65 *et seq.* tal-proċess.

li kien qiegħed isegwi kors vokazzjonali fl-MCAST. Qal li normalment xi ħadd li jkun qed jagħmel l-apprentistat mas-soċjetà konvenuta, jitpoġġa jaħdem ma' xi ħadd ikkwalifikat u li jkollu esperjenza sabiex jitgħallem mingħandu, u fil-każ tal-attur dan kien ġie assenjat ma' Mark Scerri. Żied jgħid li kif l-attur temm l-istudji tiegħu fl-MCAST dan ġie impjegat mas-soċjetà konvenuta fuq bażi *full-time.* Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta tippreferi timpjega xi ħadd li jkun ħa taħriġ vokazzjonali għax f'dan it-tip ta' taħriġ hemm inkluż l-element prattiku, u għalhekk min jiġi impjegat diġà jkollu għarfien ta' parti mix-xogħol kif irid isir. Ix-xhud spjega x'tip ta' *installation* issir mis-soċjetà konvenuta:

> "Aħna, normalment, immorru fuq *third fix. Third fix* jiġifieri għandek l-aħħar parti fejn għandek il-*cabling, termination* u ovvjament, *commission* biex is-sistema taħdem. Jekk ma tikkommixinjahiex ovvjament, ma taħdimx. Bħal *computer*. Jekk ma għandekx *software* u xegħeltu, ma għandek xejn."

Ix-xhud spjega li r-raġuni għalfejn kienet ittieħdet deċiżjoni li ċertu xogħol ta' installazzjoni jsir mit-*technicians* tas-soċjetà konvenuta stess, għax b'dan il-mod meta wieħed jaħdem bin-nies tiegħu jkollu aktar kontroll u konsistenza. Żied jgħid li meta x-xogħol isir b'*part-timers* hemm riskju li min jagħti x-xogħol ma jiħux dak li jkun ħallas għalih. Qal li f'dan il-każ is-soċjetà konvenuta kienet intalbet tagħmel is-*sensors* fil-post, tittermina il-*cables* li kien hemm u tara li s-sistema qiegħda taħdem. Żied jgħid li l-attur kien qiegħed jaħdem fuq fażi tal-proġett magħrufa bħala *third fix,* li trid issir f'fażi meta l-proġett ikun kważi lest. Ix-xhud kompla jgħid li l-installazzjoni tinqasam f'żewġ partijiet, il-parti infrastrutturali, li tinvolvi tqattigħ ta' trinek, mogħdija ta' pajpijiet u oġġetti simili, u t-tieni fażi li tinvolvi t-twaħħil tas-*sensors.* Ix-xhud qal li min jieħu taħriġ vokazzjonali jkun ippreparat biex jagħmel dan it-tip ta' xogħol, iżda żied jgħid li realistikament wieħed irid liċenzja biex jagħmel dan ix-xogħol. Żied

jgħid li ma jafx jekk l-attur għandux liċenzja biex jagħmel dak it-tip ta' xogħol jew le. Qal li f'każ bħalma kien ix-xogħol meħtieġ fil-lukanda inkwistjoni, din kellha l-obbligu tinkariga *health and safety officer* sabiex jara x'riskji kellu dan il-post għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li kellhom jaħdmu fih. Ix-xhud filwaqt li qal li hu ma kienx mar fuq is-sit inkwistjoni, qal ukoll li biex isir it-tip ta' xogħol li kien qiegħed isir mill-attur dakinhar tal-inċident, ix-xogħol fil-kmamar kellu jkun fi stadju avvanzat. Ix-xhud qal li l-impjegati tas-soċjetà konvenuta ngħataw ilbies protettiv bħal *safety shoes, vest* protettiv, u elmu, għalkemm żied jgħid li jista' jkun li l-persuna inkarigata mis-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit taċċetta li ħaddiema jidħlu jaħdmu mingħajr ma jilbsu elmu. Qal ukoll li sa fejn jaf hu, is-slielem mixtrija kienu ta' kwalità tajba. Ix-xhud wieġeb li minkejja li hu s-sid tal-kumpannija, ma kienx jaf jekk itteħditx xi azzjoni speċifika sabiex jittejbu l-miżuri ta' saħħa u sigurtà wara li seħħ l-inċident.

Fl-udjenza tal-1 ta' Diċembru, 2017 xehed **Joseph Restall**[12], li qal li hu konsulent u jaħdem għal rasu, iżda fis-sena 2014 kien tqabbad mis-soċjetà konvenuta sabiex jgħinha fl-iżvilupp tal-proċessi tan-negozju tagħha. Żied jgħid li hu jaf li l-attur kien impjegat mas-soċjetà konvenuta bħala *technician* u dan kien jieħu ħsieb l-installazzjonijiet, l-ittestjar u l-*commissioning* tas-sistemi. Żied jgħid li parti minn xogħlu kien li jassigura li l-ħaddiema jieħdu magħhom it-tagħmir protettiv meta joħorġu jaħdmu fuq barra, u hu personalment assigura li t-tagħmir li jingħataw ikun wieħed adegwat u effettiv. Qal li fuq dan is-sit partikolari kien rikjest li jintlibsu *high visibility jacket, safety helmet* u *safety shoes.* Ix-xhud spjega n-natura tax-xogħol li kien qiegħed jagħmel l-attur:

[12] *A fol.* 74 *et seq.* tal-proċess.

> "Bażikament, meta tagħmel *termination* tas-*sensors* ittaqqab toqba, taqbad *bracket* u twaħħal is-*sensors* miegħu. Tiwwajerja l-*control wires* li jkunu ġejjin bil-*control wire* magħhom, tqabbad il-*controller* mas-*supply* u mbagħad tagħmel li hemm proċedura ta' *testing* li nagħmlu biex niċċertifikaw li s-sistema qiegħda taħdem tajjeb u ntuha s-*settings* tagħha biex taħdem tajjeb."

Ix-xhud ikkonferma li hu ma kellux problema jixtri l-għodda u t-tagħmir li kienu jitolbu l-impjegati, u f'dan il-każ intużaw *step-stools* tal-aluminium. Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta tagħti żewġ tipi ta' taħriġ, fosthom lil apprentisti li jintwerew ix-xogħol li tagħmel is-soċjetà konvenuta u jekk issibhom tajbin, jiġu offruti xogħol *full-time* ladarba jtemmu l-istudji tagħhom. Tagħti wkoll taħriġ speċifiku fuq il-prodotti partikolari offruti mill-kumpannija lil persuni li jkunu tas-sengħa iżda li ma jkollhomx taħriġ fuq dawn il-prodotti partikolari. Żied jgħid li ma jafx jekk l-attur kienx ingħata taħriġ speċifiku f'dan ir-rigward.

L-attur esebixxa sensiela ta' ritratti sabiex juri t-tip ta' sellum li kien qiegħed jaħdem fuqu hu dakinhar li seħħ l-inċident.[13]

**Joseph Restall** reġa' xehed fl-udjenza tas-26 ta' Jannar, 2018 u esebixxa kopja tar-rapporti dwar l-inċident inkwistjoni li saru lill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.[14] Fl-*Accident Notification Form* intqal illi:

> *"Paul was operating a drill which slipped from his hand. He tried to catch it and the rotating bit cut into his hand. Drill is Hitachi between 2 to 3 years old."*

Fl-istess udjenza xehed **David Saliba** għall-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol[15], li qal li mir-riċerka li għamel ma rriżultalux li l-Awtorità

---

[13] *A fol.* 79 *et seq.* tal-proċess.
[14] A fol. 92 *et seq.* tal-proċess.
[15] *A fol.* 107 *et seq.* tal-proċess.

ġiet infurmata b'dan l-inċident, la mill-*employer* tal-attur, la min-naħa tal-Pulizija u lanqas mill-awtoritajiet tas-saħħa.[16]

Fl-udjenza tat-23 ta' Frar, 2018 xehed il-**PL Sean Meli**[17] mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li qal li d-Dipartiment kien evalwa l-każ tal-attur u fl-10 ta' Mejju, 2016 kien ġie deċiż li peress li dan kien ġarrab diżabilità permanenti ta' għaxra fil-mija (10%), in vista ta' dan kien ingħata *disability gratuity* fl-ammont ta' €967.45. Ix-xhud spjega li kull persuna li tidher quddiem il-Bord Mediku tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali tiġi ċertifikata għad-diżabilità permanenti sofferta minnha, u f'każ li l-perċentwal ta' diżabilità jkun anqas minn għoxrin fil-mija (20%), l-applikant jingħata ħlas ta' darba, filwaqt li jekk jinstab li persuna għandha diżabilità permanenti li teċċedi l-għoxrin fil-mija (20%), dik il-persuna tkun tikkwalifika għal *disability pension.* Ix-xhud qal ukoll li fejn il-grad ta' diżabilità jkun ta' aktar minn disgħin fil-mija (90%), l-applikant jieħu *invalidity pension.* Dan ix-xhud kompla jixhed fl-udjenza tat-23 ta' Marzu, 2018, sabiex jagħti l-ismijiet tat-tobba li eżaminaw lill-attur meta deher quddiem il-Bord Mediku.[18]

Ix-xhud il-konsulent ortopediku *ex-parte* li eżamina lill-attur, **Mr Ray Gatt**, ippreżenta ċertifikat mediku fejn ikkonstata li konsegwenza tal-inċident

[16] Fi kliem ix-xhud, "Hemm l-obbligu legali li joħroġ mill-avviż legali 52/1986, l-artiklu 22 fejn hemm obbligu li l-*employer* għandu jinforma lill-Awtorità. Fil-fatt il-liġi tistipula li d-direttur illi jekk ikollok *injury* ta' ċertu gravità jew inkella jkollok mewt fuq il-post tax-xogħol tiegħek, għandek obbligu li tinfurmaha jew inkella jkollok persuna li jkun weġġa' u ħa jdum iżjed minn tliet ijiem konsekuttivi nieqes mix-xogħol, *sick leave.* Hemm mezz ieħor illi meta persuna tweġġa' fuq il-post tax-xogħol jidħol l-Isptar u allura t-tobba jinfurmaw lill-awtoritajiet, normalment jinfurmaw lill-Pulizija u l-Pulizija jinfurmaw lilna jew jinfurmaw lill-Pulizija fuq l-inċident *per se*. F'dan il-każ jekk daħlu l-Pulizija ma nafux, jekk daħal l-Isptar nassumi li daħal l-Isptar però qed nassumi biss it-tobba jew l-Isptar ma nfurmawniex u mir-*records* tagħna jidher li l-*employer* ma nfurmaniex lanqas."

[17] *A fol.* 117 *et seq.* tal-proċess.

[18] *A fol.* 137 *et seq.* tal-proċess.

inkwistjoni, l-attur baqa' jsofri minn debilità permanenti ta' erbgħa fil-mija (4%).[19]

Fl-udjenza tat-23 ta' Marzu, 2018 reġa' xehed **Joseph Restall**[20], li ġie mistoqsi dwar id-data meta ntbagħtet l-*Accident Notification Form* da parti tas-soċjetà konvenuta. Lix-xhud sarlu suġġeriment li din setgħet intbagħtet ħafna wara li seħħ l-inċident, possibilment anki wara li l-attur reġa' daħal lura x-xogħol, iżda x-xhud qal li dan ma kienx il-każ.

L-espert mediku maħtur mill-Qorti, **Dr Josanne Aquilina**, ppreżentat ir-rapport tagħha fil-5 ta' Marzu, 2018[21], fejn ikkonstatat illi meta l-attur kellu dan l-inċident, huwa kellu l-età ta' wieħed u għoxrin (21) sena, u li l-inċident seħħ meta daħallu trapan f'idu l-leminija. Kompliet tgħid li l-attur ħass l-uġigħ immedjatament, filwaqt li wara xi ġranet bdew jittarxulu s-swaba'. L-espert mediku qalet li lill-attur kienu rawh għadd ta' konsulenti mediċi oħra li kkonkludew li dan kellu ħsara fid-*digital nerves,* imma wara l-korriment lill-attur ma sarulu l-ebda testijiet jew operazzjonijiet. Dr Josanne Aquilina kkonkludiet li konsegwenza tal-inċident inkwistjoni l-attur sofra trawma penetranti fil-pala tal-id il-leminija bi ħsara għall-*palmar digital nerves* li huma responsabbli għas-sensazzjoni f'uħud mis-swaba'. Ġie ikkonstatat ukoll minn Dr Aquilina li l-attur għadu jsofri minn ġbid u wġigħ fil-pala tal-id il-leminija. L-espert mediku stabbiliet li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' erbgħa fil-mija (4%).

[19] *A fol.* 133 tal-proċess.
[20] *A fol.* 140 *et seq.* tal-proċess.
[21] *A fol.* 146 *et seq.* tal-proċess.

Fl-udjenza tal-24 ta' Settembru, 2018 sar il-kontroeżami tal-attur **Paul Azzopardi**[22], li ntalab jispjega x'inhuma d-diversi stadji differenti tax-xogħol li kien mistenni jagħmel mas-soċjetà konvenuta. L-attur spjega li l-istadji tax-xogħol kienu jvarjaw minn *first fix, second fix, third fix* u *commissioning,* u żied jgħid li skont il-kuntratt tax-xogħol tiegħu, hu kellu jaħdem speċifikament fuq il-*commissioning.* Qal li l-installazzjoni tal-apparat kienet taqa' taħt it-*third fix* u xi drabi taħt is-*second fix.* Żied jgħid li xogħlu kellu jkun li jiċċekkja li s-sistema li tkun twaħħlet tkun qiegħda taħdem tajjeb. Qal ukoll li fil-bidu li beda jaħdem mas-soċjetà konvenuta, ix-xogħol ta' installazzjoni kien isir minn terzi, u d-deċiżjoni dwar liema *sub-contractors* kellhom jitqabbdu għax-xogħol kienet tittieħed mill-*management* tas-soċjetà konvenuta. L-attur ikkonferma li hu kien reġa' rritorna xogħol mas-soċjetà konvenuta u wara l-inċident għamel madwar sena u nofs jaħdem magħha. Żied jgħid li hu ma ħassux komdu jibqa' jaħdem fuq l-installazzjoni tas-sistemi minħabba li parti minn dan ix-xogħol kien jirrikjedi li l-ħaddiem ikollu liċenzja, li huwa ma kellux. L-attur ċaħad li hu qatt wera interess li jiġi *sub-contracted* hu mis-soċjetà konvenuta, għalkemm qal li kien hemm wieħed mill-kollegi tiegħu li kien wera dan l-interess. L-attur ikkonferma li min-naħa tas-soċjetà konvenuta kienet saret offerta li t-*technicians* li kienu impjegati magħha jingħataw kuntratt differenti sabiex jibdew jaħdmu bħala *sub-contractors* fuq l-installazzjonijiet. L-attur qal li fl-MCAST huwa studja l-*electrical and electronics computer engineering.* Żied jgħid li għal xi ħadd li m'għandux l-għodda neċessarja u f'post tax-xogħol fejn ma jkunx sar *risk assessment* u ma jkunux ittieħdu miżuri dwar is-saħħa u s-sigurtà kif suppost, ix-xogħol ta' installazzjoni jaf ikun perikoluż. L-attur spjega r-raġuni għalfejn seħħ l-inċident inkwistjoni:

[22] *A fol.* 154 *et seq.* tal-proċess.

> "Il-problema mhux id-*driller* kienet. Il-problema l-post kif konna qegħdin naħdmu u l-għodda li kellna. Issa meta qed tgħid għodda mhux bilfors trid issemmi *driller.* Jien kont qiegħed naħdem imġenneb peress li kien hemm l-għamara. Issa l-għamara ma stajtx inċaqlaqha għax kienet bid-drejnijiet u affarijiet hekk għax kienet *kitchenette*. Issa peress li tkun qiegħed twaħħal is-*sensor* fuq nett tal-bieb tal-gallarija u l-gallarija kienet il-faċċata kollha, kienet fil-għoli. Inti d-*driller* litteralment fuq l-ogħla skaluna fuq il-ponot ta' subgħajk biex tlaħħaq jiġifieri int bilanċ mhux ħa jkollok fuq is-sellum. Issa jinea malli kont qed intaqqab, kont lestejt milli ntaqqab, kont ħa nitfa' d-*driller*, kien għadu f'idi fuq l-ogħla skaluna, biex titlaq id-*driller* trid tinżel żewġ skaluni. ... Biex tagħmel id-*driller* fuq it-*tray* jiġifieri u l-ebda sellum ma hu magħmul biex titla' fuq l-ogħla skaluna. Issa slielem kif suppost skont il-liġi ma konniex provduti għax li kieku kien ikun itwal is-sellum jew konna ningħataw *scaffolding.*[23]"

L-attur qal li filwaqt li d-*driller* li kien qiegħed jaħdem bih kien tajjeb, madanakollu s-slielem ipprovduti ma kinux. Żied jgħid li minkejja li hu ġieli għamel xogħol simili qabel, u l-installazzjoni kien jaf jagħmilha, madanakollu kellu bżonn aktar taħriġ sabiex jagħraf jaħdem b'mod li jkun sigur. Qal li x-xogħol ta' installazzjoni kien jinvolvi l-mogħdija tad-dawl, u dan meta hu ma kellu l-ebda tip ta' liċenzja biex jagħmel dan ix-xogħol.

Il-kontroeżami tal-attur tkompla fl-udjenza tal-5 ta' Novembru, 2018[24], u dan reġa' kkonferma li minkejja li l-installazzjoni li kien qiegħed jaħdem fuqha ma kinitx parti minn xogħlu, xorta waħda kien qiegħed jagħmilha. Ix-xhud ċaħad li meta kien għadu apprentist kien jagħmel xogħol ta' installazzjonijiet. Qal li hu u *technicians* bħalu bdew jintalbu jagħmlu l-installazzjonijiet madwar sena jew sena u nofs qabel kellu l-inċident, għalkemm kien hemm żmien li fih dawn twaqqfu minħabba li ma kienx hemm proġetti li s-soċjetà konvenuta kienet

---

[23] Dwar id-dinamika tal-inċident, l-attur qal ukoll: "Jien kont qiegħed inwaħħal *sensor* man-naħa ta' fuq tal-bieb, malli taqqabt it-toqob, jien is-sellum kien imġenneb għal raġuni li jien ma stajtx inpoġġi s-sellum dritt biex naħdem għax kien hemm l-għamara diġà fil-post. Issa jiena u taqqabt it-toqob u lestejt mid-*driller* u qiegħed inżommu f'idi jiġifieri lest mit-toqob, kont ħa ninżel biex nagħmlu fuq it-*tray* għax peress li kont fl-għoli inti t-tray jekk tkun fuq nett tiegħu mhux ħa jkollok is-sellum dak l-għoli kollu. Malli kont ħa ninżel l-aħħar skaluna ta' fuq biex niftiehmu, l-ewwel skaluna ta' fuq ... is-sellum iċċaqlaq, tlift il-bilanċ, id-*driller* kien telaq u ġo jdejja."

[24] *A fol.* 169 *et seq.* tal-proċess.

rikjesta tagħmel xogħol ta' installazzjoni fuqhom. Dwar id-dinamika tal-inċident l-attur xehed li kif ħassu qiegħed jitlef il-bilanċ waqt li kien qiegħed fuq is-sellum, hu pprova jżomm mal-ħajt u kien dak il-ħin li telaq id-*driller* minn idejh. Kompla jgħid li xħin kien nieżel, id-*driller* reġa' qabdu u kien dak il-ħin li daħal it-trapan f'idejh. B'riferiment għall-parti tax-xhieda li kien ta preċedentement fejn qal li kien hemm drabi fejn sar xogħol fuq l-elettriku bil-*mains* tad-dawl mixgħulin, l-attur qal li dan ħafna drabi kien jiġri fuq insistenza tal-*management* tal-lukanda.

Fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Joseph Restall**[25], li qal li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident hu kien konsulent mas-soċjetà konvenuta u kien jieħu ħsieb il-proġetti kollha tagħha bħala *project manager.* Spjega li l-fażijiet tax-xogħol huma l-*first fix* li tinvolvi invjar ta' ħitan, is-*second fix* li tinvolvi l-mogħdija tal-*wires* u *third fix* fejn jitwaħħal it-tagħmir anċillari, bħal *sensors* u affarijiet bħal dawn. Qal li bħala prassi kien normali li s-soċjetà konvenuta tidħol fuq il-lant tax-xogħol fis-*second* jew *third fix.* Qal li sabiex isir dan ix-xogħol is-soċjetà konvenuta kienet tesiġi li l-ħaddiema jkollhom ċertifikat ta' *technician* mill-MCAST jew minn istituzzjoni simili. Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta kienet tesiġi li tkun involuta fit-*third fix* minħabba li dik hija l-aktar parti kruċjali għall-prodotti mibjugħin minnha. Żied jgħid li fuq is-sit fejn seħħ l-inċident inkwistjoni kien hemm *health officer* li kien jesiġi li jintlibsu *hard hats, high visibility jackets* u *safety boots*, li kienu jkunu pprovduti mill-kumpannija. Ix-xhud ikkonferma li fil-lukanda Coastline intużaw *four-step stools* bil-pedana fejn titpoġġa l-għodda. Ix-xhud esebixxa ritratt[26] ta' persuna qiegħda tagħmel xogħol fuq is-*sensors* imwaħħla mal-bibien fuq l-istess tip ta'

[25] *A fol.* 176 *et seq.* tal-proċess.
[26] *A fol.* 179 tal-proċess.

sellum li kien qiegħed juża l-attur dakinhar li seħħ l-inċident, sabiex juri li persuna ta' tul medju m'għandhiex għalfejn togħla fuq ponot subgħajha biex tagħmel ix-xogħol minn fuq is-slielem ipprovduti mis-soċjetà konvenuta.

**Konsiderazzjonijiet legali**

F'kawżi ta' din ix-xorta l-ewwel indaġni li trid ssir mill-Qorti hija sabiex jiġi stabbilit jekk is-soċjetà konvenuta għandhiex tinżamm responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża. Mill-provi prodotti quddiem il-Qorti jirriżultaw diversi nuqqasijiet fl-operat tas-soċjetà konvenuta fir-rigward tal-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati tagħha - fin-nuqqas ta' taħriġ lill-impjegati tagħha kemm dwar is-saħħa u s-sigurtà waqt li jkunu fuq il-lant tax-xogħol; fin-nuqqas ta' taħriġ speċifikament dwar it-tip ta' xogħol li ġie assenjat lil dawn l-impjegati; fit-tip ta' apparat ipprovdut lill-impjegati għax-xogħol li ried isir minnhom; u fil-fatt li s-soċjetà konvenuta u d-diriġenti tagħha kienu jippretendu li ħaddiema li m'għandhomx kwalifiki jew liċenzji biex jagħmlu xogħol partikolari, għandhom xorta waħda jagħmlu dak ix-xogħol. Ġie stabbilit li l-inċident li kien involut fih l-attur seħħ meta dan kien qiegħed jagħmel xogħol ta' installazzjoni ta' *sensors* fuq il-bibien tal-gallariji ta' lukanda partikolari, u dan weġġa' waqt li kien qiegħed juża *driller* fuq sellum baxx, meta għal xi raġuni l-attur ħassu ser jitlef il-bilanċ, ipprova jżomm mal-ħajt, telaq id-*driller* minn idu u pprova jerġa' jaqbad id-*driller* bl-id l-oħra, u t-trapan baqa' dieħel f'idejh.

Il-Qorti semgħet diversi persuni jixhdu dwar il-kundizzjonijiet fil-post fejn kien qiegħed jaħdem l-attur: partikolarment ix-xhieda li l-art ma kinitx livellata; li l-

attur ma kienx ingħata taħriġ dwar kif l-aħjar jipproteġi lilu nnifsu fis-sitwazzjoni partikolari li kien qiegħed jaħdem fiha; li l-għoli tas-sellum li kien qed jaħdem fuqu l-attur ma kienx biżżejjed biex wieħed seta' jaħdem mingħajr ma jkollu għalfejn jixxabbat jew jiġġebbed, b'għodda li taf tkun perikoluża f'idu; li l-ħaddiema kienu mistennija jagħmlu l-installazzjonijiet billi jsegwu *wire diagram* u mingħajr ma ngħataw ebda struzzjonijiet jew taħriġ speċifiku ieħor dwar dan; li fir-rigward tas-siti li kienu jintbagħtu jaħdmu fihom il-ħaddiema, ma kienu jsiru l-ebda *risk assessments* mis-soċjetà konvenuta; li lanqas imqar *first aid kit* ma kellhom magħhom il-ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol, tant li meta l-attur weġġa' dan kellu jżomm il-ferita b'*tissue* mdawra b'*tape* tad-dawl sabiex ma jkomplix ħiereġ id-demm; li minkejja li Michael Bonello, direttur tas-soċjetà konvenuta, xehed li 'realistikament' biex isir ċertu xogħol li hu kien qiegħed jistenna li jsir mit-*technicians* impjegati mas-soċjetà konvenuta dawn kellu jkollhom liċenzja ta' *electrician,* madanakollu dawn il-ħaddiema kienu mitluba li jagħmlu dan ix-xogħol minkejja li kien fatt magħruf li huma ma kellhomx liċenzja ta' *electrician*; u li minkejja li kien seħħ dan l-inċident fuq post tax-xogħol, jirriżulta li l-Awtorità rispettiva ma ġietx notifikata b'dan mis-soċjetà konvenuta.

Illi kif ġie stabbilit fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Philip Vassallo *vs.* Malta Freeport Terminals**[27]:

> *"... appena jiġi pattwit kuntratt ta' impjieg, jiskattaw l-effetti ta' bosta liġijiet li jħarsu lill-ħaddiem, fosthom ... dawk dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jiskattaw fil-kors ta' kuntratt ta' impjieg, dawn ir-regoli jistgħu jkunu fonti ta' danni extra-kuntrattwali jew delittwali, li jistgħu jkunu wkoll konkorrenti mad-danni kuntrattwali.*

[27] P.A., 21.03.2016

*Skont l-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili, "Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr il-ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa* ***li biha jikser xi dmir impost mil-liġi,*** *hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*

*Ir-regola ġenerali in tema extra-kuntrattwali, li ilha stabbilita fil-Kodiċi Ċivili hi li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu." (Artikolu 1031). Ikun fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, iżda ħadd ma jwieġeb għal nuqqas ta' grad ikbar ta' diliġenza (Artikolu 1032).*

*Anki fil-qasam tax-xogħol, kwalsiasi azzjoni (pożittiva jew negattiva) jew forma ta' kondotta assunta trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u d-diliġenza tal-bonus paterfamilias. Għandha tkun akkumpanjata wkoll minn dak il-buon sens li ż-żmien, il-mument u s-sitwazzjoni partikolari jkunu jirrikjedu jew ikunu jiddettaw. Din hija l-bażi preventiva li l-liġi tagħna tiġbor fiha u dan sabiex tbiegħed lill-persuna mill-ħsara, anke għal dak li jirrigwarda ħsara potenzjali.*

*Illi l-ġurisprudenza Ingliża ukoll tagħraf li fil-każ ta' korriment fuq il-post tax-xogħol, huma applikabbli kemm il-kuntratt ta' impjieg kif ukoll il-liġi delittwali, billi dawn jirkbu fuq xulxin u fil-fatt illum il-ġurnata jista' jitqies li fil-kuntratt ta' impjieg hemm patt impliċitu li min iħaddem għandu jipprovdi post tax-xogħol sikur għall-ħaddiem:*

*'The relationship itself of employer and employee is necessarily based upon contract but it has been the subject of some controversy in the past whether the common law duties regarding the employee's safety, are contractual duties or lie in tort. Because of the closeness of the relationship between employer and employee, as well as its very nature, there really can be no doubt today that a duty of care does arise under the general law of tort, as expressed in* ***Donoghue vs Stevenson (****1932 A.C. 562). In* ***Davie vs New Merton Board Mills Ltd****., (1959, A.C. 604) Viscount Simonds considered that, although liability primarily was to be regarded as having arise in tort, it could also be based on implied terms contained in the contract of employment.' –* ***Charlesworth & Percy on Negligence*** *(Ninth Edition, 1997).'*

*Illi fil-qasam tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, fl-1 ta' Mejju, 2001 daħal fis-seħħ l-Att XXVII tas-sena 2000 (illum Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta) li bena fuq il-liġijiet u regolamenti li diġà kien hemm qabel. Bis-saħħa ta' dan l-Att, ġie ippubblikat fost ħafna regolamenti oħrajn, l-Avviż Legali 36 tal-2003 imsejjaħ 'Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol', li huwa korp ta' regolamenti ta' importanza kbira fil-qasam tax-xogħol.*

*Illi l-Att imsemmi jikkodifika prinċipji u dmirijiet ġenerali li għandhom jirregolaw dan il-qasam u biex jenfasizza l-importanza tiegħu jistqarr li, 'Il-protezzjoni tas-*

*saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol għandha titqies bħala materja ta' interess pubbliku.' (Artikolu 4(1)).*

*Illi l-Artikolu 4(2) jelenka dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li fuqhom għandhom jiġu imfasslin il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol:*

*(a) Li jiġi evitat riskju;*

*(b) L-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*

*(c) L-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(d) Il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(e) Li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;*

*(f) Billi tingħata priorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*

*(g) Li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

*(h) Billi wieħed jadatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

*(i) Billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."*

Illi mill-provi jirriżulta li huma bosta d-dispożizzjonijiet tal-liġi li nkisru mis-soċjetà konvenuta matul il-perkors tal-kuntratt ta' impjieg tal-attur. Jirriżulta li l-attur b'mod konsistenti kien jintalab jagħmel xogħol li ma kienx skont il-kuntratt tal-impjieg tiegħu, għal liema xogħol l-attur la kien imħarreġ u lanqas kien ikkwalifikat u dan il-fatt innifsu diġà kien qiegħed iqiegħed lill-attur f'riskji serji b'detriment għal saħħtu u għas-sigurtà tiegħu. Jirriżulta wkoll li s-soċjetà konvenuta u d-diriġenti tagħha kienu assenti għalkollox minn fuq is-siti fejn

kienu jintbagħtu jaħdmu l-ħaddiema tagħha, u f'dan ir-rigward ma kienet issir ebda evalwazzjoni tar-riskji fuq l-post u tal-miżuri protettivi li setgħu jittieħdu biex dawn ir-riskji setgħu jiġu evitati. Kien hemm ukoll ksur lampanti tal-obbligi legali imposti fuq is-soċjetà konvenuta inkwantu lanqas l-aktar tagħmir ta' protezzjoni bażiku ma kien ipprovdut lill-impjegati, b'mod partikolari *first aid kit* sabiex f'każ li xi ħadd mill-impjegati jweġġa' dan ikun jista' jiġi kkurat mingħajr dewmien u mhux tintuża *tissue* mdawwra b'*tape* tal-elettriku. Anki fejn jidħol it-taħriġ, jidher ċar li għas-soċjetà konvenuta kien biżżejjed li l-ħaddiema tagħha jkollhom ċertifikat akkademiku jew vokazzjonali, u mill-bqija jirriżulta li dawn kienu mistennija jagħmlu x-xogħol mingħajr ebda taħriġ jew struzzjonijiet ta' xejn. Huwa ċar għalhekk li s-soċjetà konvenuta għandha twieġeb għad-danni sofferti mill-attur, li weġġa' fuq il-lant tax-xogħol waqt li kien qiegħed jagħmel xogħol li la kellu l-kwalifiki u lanqas it-taħriġ u l-liċenzja meħtieġa għalih, u minħabba li s-soċjetà konvenuta naqset li tevalwa r-riskji assoċjati mal-post tax-xogħol partikolari u li tiżgura kif ser tipproteġi lill-ħaddiema tagħha fir-rigward ta' dawk ir-riskji.

Hekk stabbilita l-kwistjoni tar-responsabbilità, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-attur.

*Damnum emergens:*

L-attur ma ressaq ebda pretensjoni għal-likwidazzjoni ta' danni materjali sofferti minnu, u lanqas ma tressqu provi f'dan ir-rigward, u għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni konsistenti fit-telf ta' qligħ futur minħabba fid-debilità permanenti sofferta mill-attur.

*Lucrum cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[28], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna l-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'sentenza fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[29], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Fil-każ li għandu quddiema din il-Qorti, jirriżulta li l-attur kellu wieħed u għoxrin (21) sena meta seħħ l-inċident inkwistjoni. L-esperti mediċi li xehdu fil-kawża, kif ukoll il-Bord Mediku tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li eżamina lill-attur, ilkoll qablu bejniethom li konsegwenza tal-inċident dan qiegħed isofri minn diżabilità permanenti ta' erbgħa fil-mija (4%). Jirriżulta wkoll li fl-2014, is-sena ta' qabel seħħ l-inċident, l-attur kellu dħul nett ta' €15,987.68.

[28] P.A., 18.02.2013.
[29] P.A., 27.04.2005.

F'sentenza pjuttost riċenti fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello**[30], il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili għal ta' dan il-każ:

> "Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija '**Michael Butler vs Peter Christopher Heard**' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa *multiplier system*, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża '**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**', (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – '**Savona vs Asphar**', Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (**Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard**, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (**Francis Sultana vs John Micallef et noe et**, Appell, 20.07.1994)."

Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-*multiplier,* li fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe *vs.* Carmelo Pace**[31] mogħtija mill-Qorti tal-Appell, ġie stabbilit li:

> "In-numru ta' snin adottat bħala *multiplier* m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-*chances and changes of life*.
>
> ...

[30] P.A., 25.02.2016.
[31] P.A., 05.03.1986.

> Minbarra dan il-bixra ta’ ħsieb wara sentenzi ta’ dawn l-aħħar snin f’dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta’ skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta’ kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier,* fejn għal numru kbir ta’ snin ma tqiesx li seta’ jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista’ jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa’ tqiegħed lil tali persuna kemm jista’ jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma’ kriterji arbitrarji.”

Fis-snin riċenti l-Qrati tagħna adottaw linja gwida dwar kemm għandu jkun il-*multiplier* massimu tenut kont tal-età tal-individwu, u f’każ ta’ persuna fl-età ta’ wieħed u għoxrin (21) sena, ġie indikat li l-*multiplier* għandu jkun ta’ 35. Is-salarju bażiku għas-sena 2014 li qiegħed jiġi stabbilit li l-komputazzjoni tat-telf ta’ qligħ tal-attur Paul Azzopardi għandha tinħadem fuqu, għandu jiġi aġġustat skont ir-rata tal-inflazzjoni għas-snin kollha tal-*multiplier*[32]*,* sabiex b’hekk il-Qorti ser tkun qiegħda taħdem fuq dħul medju ta’ €15,987.68 + €21,359.54 / 2 = €18,673.61.

L-evolviment ġuriprudenzjali f’kawżi ta’ din ix-xorta, wassal għal żvilupp ieħor importanti fir-rigward tal-komputazzjoni li trid issir, li jitnaqqas 20% tal-*lump sum payment* stabbilit mill-Qorti minħabba d-dewmien tal-proċeduri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Agius et *vs.* All Services Ltd**[33], ġie ritenut illi:

> “F’każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta’ 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f’daqqa (*lump sum payment*) lill-benefiċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun se tingħata wara tul ta’ ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta’ tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-

[32] F’sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, “Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta’ snin magħżula bħala l-*multiplier*.” Bħala rata ta’ inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta’ 0.96%, li hija r-rata medja talinflazzjoni f’dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.

[33] P.A., 02.06.2005.

persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."

Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti tqis li ma kienx hemm tali dewmien, tant li l-kawża qiegħda tiġi deċiża fi żmien sentejn mill-ewwel appuntament għas-smigħ.

Għalhekk is-somma kif likwidata bħala *lucrum cessans* hija: €18,673.61 x 35 (*multiplier*) = €653,576.36 x 4% diżabilità = €26,143.05 - 20% (*lump sum payment*) = €20,914.44, (għoxrin elf, disa' mija u erbatax-il Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu).

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' t-talbiet tal-attur u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hi unikament responsabbli għall-inċident tal-5 ta' Mejju, 2015, u li fih huwa sofra diżabilità permanenti, u konsegwentement tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għall-ħlas tad-danni kollha sofferti mill-attur;**
2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' għoxrin elf, disa' mija u erbatax-il Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€20,914.44);**
3. **Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.